MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 118/2012

**BE Communications Limited**

**Vs**

1) **Market Handle Limited**
2) **Celine Lee Bentley**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-16 ta' Frar, 2012** u li permezz taghha talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' seba' mija sebgha u sittin euro [€767] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Il-konvenuti ghandhom jiġu kkundannati in solidum sabiex ihallsu s-somma ta' seba mija u sebgha u sittin euro (€767) rappreżentanti drittijiet ghal servizzi rezi mis-socjeta attriċi.
>
> Bl-ispejjez inklużi dawk tal-ittra uffiċjali mibghuta lill-konvenuti u bl-interessi mid-data tal-fattura datata 15 ta' Novembru 2010 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fit-3 ta' Lulju, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "Illi s-socjeta konvenuta Market Handle Limited (C-49546) twieġeb is-segwenti:
>
> 1. Illi t-talbiet tas-socjeta attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-ebda kreditu ma hu dovut u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
> 2. Illi s-socjeta intimata ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.
> 3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra **r-risposta ta' l-intimata Celine Lee Bentley** minnha mressqa fit-3 ta' Lulju, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "Illi l-konvenuta Celine Lee Bentley fil-kwalita personali taghha kif mharrka twieġeb is-segwenti:
>
> 1. Illi hija qatt ma kellha ebda relazzjoni ġuridika mas-socjeta attriċi.
> 2. Illi ghalhekk m'hijiex il-legittimu kontradittrici ghat-talbiet attriċi.
> 3. Illi fil-mertu l-ebda ammont ma huwa dovut minnha lis-socjeta attriċi;
> 4. Illi ghalhekk hija tharrket inutilment u ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.
> 5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-ahhar verbal tat-8 Jannar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha’ x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimati tas-somma ta’ seba’ mija sebgha u sittin euro [€767], liema ammont jirrappreżenta drittijiet ghal servizzi rezi mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata. Is-socjeta intimata wieġbet ghal din it-talba billi qalet li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-ebda kreditu ma hu dovut. Ghalhekk is-socjeta intimata tghid li hija ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri. L-intimata da parti taghha stqarret li hija qatt ma kellha ebda relazzjoni ġuridika mas-socjeta rikorrenti u li ghalhekk ma hijiex il-legittimu kontradittur. Fil-mertu, tghid li l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta rikorrenti u li ghalhekk tharrket inutilment u ma ghandhiex tbaghti l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Ikkunsidra;

2. Is-socjeta rikorrenti tippubblika l-magazine bl-isem ta’ *Money*. Is-socjeta intimata riedet taghmel diversi reklami fuq dan il-magazine u ghal dan il-ghan, l-intimata Celine Lee Bentley iffirmat *booking form* fuq liema *booking form* hemm indikat li r-reklam kellhu jkun fuq sitt hargiet ta’ l-imsemmi magazine. L-ammont totali ghal dawn is-sitt reklami kien ta’ €3,900, li wara skont ta’ €960 gie total ta’ €2,940. Ma dan l-ahhar ammont imbaghad kellha tiżdied il-VAT. B’hekk it-total tar-reklami, wara li tnaqqas l-iskont kien ta’ €3,469.20. Din il-

*booking form* iġġib id-data tal-21 ta' Ottubru, 2010 (ara fol. 25). Dak-in-nhar stess gie iffirmat *credit request* mis-socjeta intimata ghall-ammont ta' €1,500. Skond ma jirrizulta minn dan il-*credit request* li hemm esebit a fol. 26 tal-process, r-rapprezentant tas-socjeta intimata kien qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita ghal hlas flimkien mas-socjeta intimata[1].Il-firmatarja fuq dan id-dokument kienet Celine Lee Bentley, l-intimata odjerna . Gara li s-socjeta intimata baqghet ma hallsitx ghal din l-ewwel pubblikazzjoni (ara l-magazine a fol. 28 et seq tal-process go enveloppe kannella). Ir-reklam jinsab a fol. 48 tal-imsemmi magazine. Ghalhekk l-kumplament tar-reklami ma sarux u l-*credit facility* gie kkancellat. Ghar-rigward ta' l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri u cioe l-ammont ta' €767, ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti stqarr li huwa wasal ghalih l-ghaliex l-ammont oriġinali ghal sitt reklami kien ta' €3,900 (eskluż il-VAT). Jekk dan l-ahhar ammont jiġi diviż bl-ammont ta' reklami u cioe sitta (6) jiġi l-ammont ta' €650. Jekk jiżdied il-VAT ma dan l-ammont ta' €117 jigi l-ammont reklamat ta' €767.

3. L-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata hija li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-ebda kreditu ma hu dovut u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Mix-xhieda ta' Celine Lee Bentley tat-28 ta' Frar, 2013, li hija l-uniku direttur tas-socjeta intimata, jirrizulta proprju l-oppost. F'din is-seduta, l-imsemmija direttrici stqarret, wara li ġiet mistoqsija mit-Tribunal jekk is-socjeta minnha rappreżentata kellhiex taghti flejjes lis-socjeta rikorrenti li iva kjellha taghti. Mistoqsija kemm kien l-ammont dovut, hija qalet li "*I have no clue*" (fol. 49). Oltre dan, teżisti *email* datata 18 ta' Jannar, 2011 mibghuta minn Donald Micallef, Chief Executive Officer tas-socjeta intimata lil Jamie Maher, addett tas-socjeta rikorrenti fejn inghad li "*I understand the urgency of us supplying you with our payment, but I kindly ask you to give us until the first week of February to send you the payment when we are issuing all our pending invoices for our creditors*" (fol. 31). Ghalhekk din l-ewwel eċċezzjoni hija michuda.

4. L-intimata da parti taghha tghid li hija ma ghandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-socjeta rikorrenti u konsegwentement ma hijiex il-legittimu kontradittur. Anke hawn it-Tribunal ma jaqbilx. Meta l-intimata iffirmat fuq id-dokument li

[1] I assuma personal responsability for payment jointly with the company (fol. 26).

hemm a fol. 26 tal-process u cioe l-credit request hija kienet qeghda tiffirma ghan-nom tas-socjeta intimata u kienet ukoll tassumi r-responsabbilita personali ghal hlas flimkien mal-imsemmija soċjetà intimata. Fuq dan il-punt, l-intimata tghid li "*I never signed in my personal capacity and moreover no one informed me that I was signing in my personal capacity*" (fol. 48-49). Sussegwentement tghid li "*Asked whether I read the contract which is exhibited in the pages which i just mentioned that is pages 25, 26 and 27 I state that yes I did read contract. Asked by the Tribunal whether I had any queries with this contract I reply that I did not have any queries*" (fol. 49). Pero regghet irribadiet li "*... I signed this contract on behalf of defendant company Market Handle Limited*" (fol. 49). Ix-xhud Jamie Maher qal li meta huwa mar fl-ufficini tas-socjeta intimata kien hemm l-intimata Celine Lee Bentley u Donald Micallef. In-negozjati sabiex jingiebu r-reklami fuq il-magazine bl-isem ta' *Money* saru ma dan Donald Micallef. Qal li waqt li kienu qeghdin jiddiskutu, Celine Lee Bentley ma kienitx preżenti fil-kamra maghhom, però minkejja dan, hija kienet taf x'kien qieghed jiġi diskuss u "*... in fact before she signed she had a look at the document which is found on page 25 et sequitur and after having a look signed*" (fol. 41). Zied ighid li l-intimata Celine Lee Bentley "*... said that it was all ok...*" (fol. 41). Illi ghalhekk, it-Tribunal huwa konvint li l-intimata personalment kienet taf x'qeghda tiffirma u f'liema kapaċità kienet qeghda taghmel dan. Ghalhekk, dawn iz-zewg eċċezzjonijiet taghha qeghdin jiġu michuda u konsegwentement mhux talli hija ghandha relazzjoni ġuridika mas-socjeta rikorrenti talli hija leġittimu kontradittur ukoll.

5. Ix-xhud Anthony Bernard, managing director tas-socjeta rikorrenti qal li l-*credit limit* li inghata lis-socjeta intimata mis-socjeta minnu rappreżentata intuża mill-istess soċjetà intimata u li "*... x'hin lahqet dan il-kreditu ahna ma baqjnix intuha iżjed kreditu*" (fol. 22). It-Tribunal qed jifhem li dan il-*credit request* inghata mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata sabiex hija tkun tista thallas ghar-reklami li hija taghmel fil-magazine bl-isem ta' *Money* minnu u imbaghad malli taghmel il-hlas attwali s-socjeta intimata, dan l-istess *credit limit* jerga jiġi ghal dak pattwit bejn il-partijiet.

6. Issa f'dan il-kaz, is-socjeta rikorrenti qeghda tirreklama l-ammont ta' €767. Diga rajna aktar il-fuq kif is-socjeta rikorrenti waslet ghal dan l-ammont. Pero t-

tribunal ma jaqbilx li l-intimat ghandhom jaghtu dan l-ammont, iżda ammont inqas minnhekk. Dan qed jinghad l-ghaliex skond ma jirrizulta mill-*booking form* kien inghata skont ta’ €960, liema skont is-socjeta rikorrenti nehhietu peress li s-socjeta intimata ma hallsitiex fiz-zmien pattwit. Minkejja dan, hija l-fehma tat-Tribunal li dan l-ammont ma jistax jitnehha. Mela jekk sitt reklami kienu ser jiġu €2,940, ma liema ammont ghandu jiżdied l-ammont ta’ €529.20 bhala VAT, reklam wiehed jiġi €578.20[2] (inkluż il-VAT). Huwa dan l-ammont li huwa dovut mill-intimati.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

i) jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta intimata fir-risposta taghha in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż;

ii) qieghed jichad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata;

iii) qieghed jichad it-tieni eċċezzjoni tal-intimata u jiddikjara li hija l-legittimu kontradittur;

iv) qieghed jichad il-kumplament ta’ l-eccezzjonijiet taghha in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż; u

v) qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti limitatament ghal ammont ta’ hames mija tmienja u sebghin euro u ghoxrin ċenteżmi ta’ euro [€578.20c] u konsegwentement jikkundanna lill-intimati jhallsu in solidum bejniethom lis-socjeta rikorrenti bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mil-lum.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimati in solidum bejniethom.

[2] €2940 + €529.20 (VAT) = €3,469.20/6 = €578.20.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------